## IX-XMARA

*(Lil oħti Karmena)*

*Kull x'ħin jien nisma' l-għajta tas-sbuħija*
*Tħajjarni nersaq fejn hemm ġmiel u sliema,*
*Ninsa' 'l kulħadd u nterraq b'ġirja mħarrba*
*Biex immur waħdi nħares lejn das-seħer:*
*Ismagħha l-għajta ħelwa, l-għajta bnina,*
*Tgħajjatli biex jien nersaq narda' l-benna.*

*Jien lebbitt lejn din ix-xmara safja*
*U mxejt mar-rampa mserrpa twila twila;*
*Dix-xmara daqqa wiesgħa w-daqqa dejqa;*
*Waqtiet tinfirex f'salt ġo bosta friegħi*
*Li tistħajjilhom bħal għeruq tal-ħajja*
*Jixorbu sew mill-enerġija sfiqa*
*Li din ix-xmara tagħti mingħajr heda,*
*Għax kullma għandha xejn ma żżomm għaliha.*
*Is-sliema w l-hena fl-ilma bieżel tagħha*
*Iħarsu lejk u bi tbissima rżina*
*Lilek jistiednu sabiex taqsam magħhom*
*Il-ferħ tal-ħbieb.*

*Għax l-aqwa ħbiberija*
*Issibha hawn matul dix-xmara twila,*
*Li għandha l-ħajja, behga w leħen tagħha*[1]
*Bħal jidhru mitbugħin fil-wiċċ tal-ilma.*
*Kull meta niġi hawn jien insib l-hena,*
*U noqgħod nisma' x'tgħidli din ix-xmara,*
*Għaliex din taf titkellem bl-ilsna kollha.*

*Waqtiet titkellem tgħajjat biex tinstema',*
*Xi drabi tlissen kliem sabiħ ferrieħi,*
*U jiġi ħin ukoll x'ħin il-kliem tagħha*
*Jagħmilni hekk sogħbien li nxerred demgħa,*
*Hawnhekk ix-xmara turi l-għaqal tagħha*

[1] Behga; karattru.

*Biex lilek kieku terġa' ferħan tagħmel,*
*Għall-ewwel tibda' tpespes 'mma ftit wara*
*Jiena nkun nisma' l-għanja ħelwa tagħha,*
*U miexi minn dax-xatt matul ix-xmara*
*Jiena nintebaħ li mhux miexi waħdi*
*'Mma miexi ma' ħabiba li taf tħallem.*

*Jien nagħżel hawn, fil-qrib ta' din ix-xmara,*
*Biex nimxi msaħħar id-f'id ma' xi tfajla,*
*Jew biex nikkattna ħbiberija ġdida*
*Jonkella nqajjem ħbiberija rieqda.*
*U nagħżel hawn, maġenb dix-xmara ħelwa,*
*Biex nedha ftit bil-logħ'b ma' tfal ċkejknuna;*
*Jien niġi hawn biex naħrab l-egoiżmu,*
*Sabiex nitbiegħed minn xewqat dinjija,*
*U nħoss li rrid nitgħammed f'għadsa fiha*
*Biex bl-isfa ilma li ma jafx ħżunija*
*Naħsel minn moħħi dax-xewqat qarrieqa*
*Li jħammġu s-sedq tal-ħajja.*

*L-istess bħalna*
*Dix-xmara qisha għandha ruħ u ġisem,*
*U dawn jissejħu ilma w-xatt mhux wati*
*Li jidhru ma' xulxin qishom imwaħħda.*
*Il-mewġ fiddien f'mixjitu ferriħija*
*Jersaq jiżżegleg fuq ix-xatt imsaġġar*
*U jibda' jżewweġ il-ħaxix mal-fjuri,*
*Imbagħ'd jagħtihom bewsa w xi żegħila*
*U jħalli rokna mwarrda bħal tifkira.*

*F'dal-waqt il-friegħi sbieħ ta' siġar safja*
*Jibdew itawlu d-driegħ ħadrani tagħhom,*
*U fl-oqsma tal-botanika bħal jidhru*
*F'tgħanniqa wtiqa ma' dal-mewġ ħabrieki,*
*Hawn jien inħoss ġo fija l-ferħ sabbari,*
*U nkun nitpaxxa b'dan l-eloġju qribi*
*Li jħalli mpittra sew quddiem għajnejja*
*Il-ġmiel saħħari ta' dramm kollu seħer.*

*Hawnhekk qisha tinstema' sinfonija*
*Meta x-xatt jieħu f'idu l-ilma ġieri,*
*F'xi nħawi jmexxih dritt għal medda twila*
*Imbagħ'd b'tagħwiġa jdawru f'xi mogħdija*
*Mimlija fjuri sbieħ.*

*Il-mewġa tifraħ,*
*Tistrieħ daqsxejn u terġa' timxi mgħaġġla,*
*Tixbaħ l-għarusa liebsa bil-bizzilla*
*U mfittla b'xemx li ssaħħan bla ma taħraq.*
*Jiġu waqtiet meta dix-xmara taħbi*
*Il-ħajja bieżla fil-qiegħ għani tagħha,*
*U l-ħut ilebbett minn bejn siġra w-oħra*
*Ġo din il-belt imgħaddsa fl-ilma ħelu*
*'Il bogħ'd mill-ħamba ta' nies mingħajr ħniena.*

*Fil-ħin tal-għasar meta x-xemx tkun nieżla,*
*Dix-xmara tiehu l-għamla ta' xi mera*
*U turi s-sema qisu qiegħed jaqbad*
*F'ħuġġieġa ħamra w safra fost il-kħula.*
*W għal ftit tal-ħin fid-dehra moħbi minni,*
*Xi ħadd lix-xmara jixgħel mill-qiegħ tagħha*
*U jidhru dwal ċkejknin qishom qed jiżfnu*
*Xi valtż sabiħ mal-wiċċ imżejjen tagħha.*

*O xmara ħielsa, kemm nqrak sabiħa*
*Kull meta niġi ngħaddi ftit ħin miegħek!*
*U f'dan il-ħin li tidher qiegħda tħaġġeġ*
*Iġġagħ'lni nagħraf li int poeżija!*
*Imbagħ'd is-sinfonija b'qatgħa nsetti*
*Bħal jiżfnu l-aħħar żifna qabel jorqdu,*
*U l-kor sabiħ bis-serħ tal-melodija*
*Bħalkieku jħejji x-xmara għar-raqda tagħha,*
*'Mma qabel taqa' s-sikta ta' lejl kiesaħ*
*Tindaqq il-melodija ta' l-agħsafar*
*Bil-kant sabiħ ta' mitt elf ilħna mħallta*
*L-istess bħal xi tenur li jħaddan l-arti*
*L-alwetta tkanta f'arja ewlenija;*
*Imbagħ'd tinstema' bħal supran il-bilbla*

*Fi dwett sabiħ ta' mħabba l-iżjed safja,*
*U f'daqqa waħda jibda' l-kor isaħħar*
*Għax hawn l-agħsafar kollha jħollu lsiennhom*
*U jferrgħu qalbhom f'noti sbieħ smewwija*
*Li twaqqaf kull ċaqliqa fuq wiċċ l-ilma.*

*Hawn jibda' jsaltan skiet bħalkieku jħabbar*
*Li l-ħin qed joqrob biex kull ħliqa torqod,*
*Il-lewn minn aħmar sar sewdien u mdellel*
*Kollox fil-ħemda mehdi f'tul ix-xmara.*
*F'dal-ħin mistur li jiena fort bil-għaxqa*
*Tħajjart nimtedd fuq il-ħaxix ftit niedi*
*Fir-rampa ta' dix-xmara f'din is-sikta,*
*U taħt dijet il-qamar semmajt leħni*
*Nizzi ħajr 'l Alla li jien mimli ħajja.*

MELBOURNE — AWSTRALJA
1969

MANWEL NICHOLAS BORG

## IT-TNEJN TAL-KARNIVAL

(*B'Tifkira għażiża tal-mejjet* DUN FRANGISK SCICLUNA)

*Bħal waħx,*
*quddiem għajnejja tiġi*
*Karnival li kont . . . fil-bogħod,*
*f'jiem imgħoddija . . .*
*Ma' sħabi ngħanni*
*bemmbekk, qrib il-mewġiet bajdana;*
*nifirħu ma' xulxin,*
*bħal friefet niżfnu*
*iż-żifna taż-żgħożija . . .*
*Inħosshom qribi*
*l-uċuħ ta' ħuti ħelwa,*
*il-leħen tagħhom,*
*bixret kull wieħed:*
*Uċuħ diversi,*
*ilħna mbux bħall-oħrajn,*
*karattri ġodda . . .*
*Tiġi bħal ġgant quddiemi*
DUN FRANGISK,